MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**GABRIELLA VELLA**

Seduta tat-8 ta' Novembru, 2010

Numru 1156/2010

**Il-Pulizija**
**(Spettur Paul Bond)**

**Vs**

**Yasen Atanasov**

Il-Qorti,
Rat l-akkuzi migjuba fil-konfront ta’ Yasen Atanasov ta’ sitta u ghoxrin (26) sena, bin Yordan u Neviana neè Srikiova Eliva, imwieled il-Bulgarija fis-7 ta’ Awwissu 1984 u joqghod f’numru 82, “Queen’s”, Flat 1 Triq is-Sajjied, San Pawl il-Bahar, detentur tal-Karta ta’ l-Identità bin-Numru 0056904(A) talli: fis-07 ta’ Novembru 2010 ghall-habta ta’ bejn it-3.00 a.m. u t-3.30 a.m., waqt li kien fi Triq it-Turisti, San Pawl il-Bahar, vololtarjament hassar, ghamel hsara jew gharraq hwejjeg haddiehor, mobbli jew immobbli, billi kisser il-mirja ta’ diversi karrozzi li jgibu n-numru CTN-087 ta’ ghamla Mazda, IBF-467 ta’ ghamla Toyota, IAF-218 ta’ ghamla Ford, LAB-051 ta’ ghamla

Ford, EAP-100 ta’ ghamla Diahatsu, TGR-076 ta’ ghamla Smart, GAA-367 ta’ ghamla Volkswagon u LCF-731 ta’ ghamla Opel. L-istima ta’ l-imsemmija hsarat teccedi il-mija u sittax-il Euro (€116) izda hija inqas minn elfejn tliet mija u disgha u ghoxrin Euro u sebgha u tletin centezmu (€2,329.37) dan ghad-dannu tal-propjetarji taghhom; u aktar talli fl-istess data, hin u lok, ma kienx kapaci jiehu kura tieghu nnifsu minhabba li kien fi stat ta’ sokor.
Semghet ix-xhieda u rat l-atti kollha ta’ dan il-kaz;

Semghet lill-imputat jammetti ghall-akkuzi migjuba kontra tieghu u dana minkejja l-fatt li din il-Qorti, a tenur ta’ l-Artikolu 453(1) tal-Kap.9 tal-Ligijiet ta’ Malta, avzat bl-iktar mod solenni lill-imputat bil-konsegwenzi legali ta’ dik it-twegiba tieghu u ikkoncedietlu zmien bizzejjed biex jerga’ jikkonsidra t-twegiba tieghu u jerga’ lura minnha;

Wara li semghet l-ammissjoni ta’ htija ta’ l-imputat ghall-akkuzi migjuba kontra tieghu, il-Qorti ma ghandhiex alternattiva ohra ghajr li issib lill- imputat hati ta’ l-akkuzi migjuba kontra tieghu;

Semghet is-sottomissjonijiet tal-partijiet dwar il-piena u ghall-finijiet ta’ piena l-Qorti hadet in konsiderazzjoni l-ammissjoni bikrija ta’ l-imputat kif ukoll il-fatt li l-imputat ghandu fedina penali netta;

Wara li rat u kkunsidrat l-Artikoli 325(a), 338 (ff), u 17 (d) tal-Kap.9 tal-Ligijiet tal-Malta, issib lill-imputat hati ta’ l-akkuzi kollha migjuba fil-konfront tieghu u tikkundannah ghal hmistax-il (15) xahar habs izda, billi l-Qorti hija tal-fehma li fic-cirkostanzi, partikolarment fid-dawl ta’ l-ammissjoni bikrija ta’ l-imputat u tal-fatt li ghandu fedina penali netta, hemm lok li tinghata sentenza sospiza, a tenur ta’ l-Artikolu 28(A)(1) tal-Kap.9 tal-Ligijiet ta’ Malta, tissospendi t-terminu ta’ hmistax-il (15) xahar habs ghal erba’ (4) snin b’effett mid-data ta’ din is-sentenza.

A tenur ta’ l-Artikolu 28(A)(4) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta l-Qorti spiegat lill-imputat bi kliem car ir-responsabilità tieghu taht l-Artikolu 28B tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta

jekk jikkommetti matul il-perijodu operattiv, reat li ghalih hemm piena ta’ prigunerija.

Il-Qorti tirrileva li waqt is-smigh tal-kaz l-imputat hallas lill-Ispettur Joseph Mercieca, proprjetarju tal-vettura LAB-051 u *parte civile* f’dawn il-proceduri, is-somma ta’ mitt Euro (€100) rapprezentanti l-valur tal-hsara kagunata fil-vettura tieghu mill-istess imputat.

Sabiex jevita proceduri civili fil-konfront tieghu l-Qorti tissugerixxi lill-imputat sabiex juri l-istess celerità biex ihallas lid-dannegjati l-ohra kollha meta dawn jersqu biex jithallsu ghad-danni minnhom sofferti b’konsegwenza ta’ l-agir tieghu.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------